



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Novembru 2022
(OR. en)

12484/22

LIMITE

CORLX 809
CFSP/PESC 1171
CSDP/PSDC 565
CIVCOM 178
COEST 659
EUMM GEORGIA 7
CSC 394

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK
dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia,
EUMM Georgia**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Awwissu 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/452/PESK¹, li estendiet il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia), stabbilita permezz tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/736/PESK².
- (2) Fit-3 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1990³, li testendi l-EUMM Georgia sal-14 ta' Diċembru 2022.
- (3) Wara rieżami strateġiku tal-Missjoni, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-mandat ta' EUMM Georgia jiġi estiż sal-14 ta' Diċembru 2024.
- (4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2010/452/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia (ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43).

² L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/736/PESK tal-15 ta' Settembru 2008 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia (ĠU L 248, 17.9.2008, p. 26).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1990 tat-3 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia (ĠU L 411, 7.12.2020, p. 1).

- (5) Il-Missjoni ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:



Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/452/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 14(1), jinżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-Missjoni bejn il-15 ta' Diċembru 2022 u l-14 ta' Diċembru 2024 għandu jkun ta' EUR 47 141 684,02.”;

(2) fl-Artikolu 18, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tiskadi fl-14 ta' Diċembru 2024.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-15 ta' Diċembru 2022.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
